MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 21/2011

**A B**

**-vs-**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Noel Scerri li b'digriet tas-16 ta' Frar 2011 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Ali C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar it-tnax ta' Awissu 2003 (12/08/2003) u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null bejn il-partijiet billi l-kunsens kien ivvizzjat b'difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha b'simulazzjoni u anke minhabba biza' reverenzjali kif ukoll il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u/jew jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Ghaldaqstant, l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi z-zwieg celebrat fit-12 ta' Awissu 2003 (12/08/2003) bejn il-partijiet huwa null u bla effett skond il-Ligi u dan skond wiehed jew aktar minn wiehed tas-sub-artikli indikati tal-Artiklu 19 (1) (a), (c), (d), (f) u (g) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, li permezz tieghu gew mahtura l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Noel Scerri bhala kuraturi ghall-assenti Ali C D E.

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi li eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti hija Maltija u r-ragel huwa mit-Tunezija. Iltaqghu Malta izda ftit wara l-intimat kellu jmur lura lejn pajjizu ghax gie mkecci minn Malta.

Fit-Tunezija bdew jinqalghulu l-problemi ghaliex kienet bdiet pressjoni fuqu biex jaghmel is-servizz militari. Ghalhekk beda jinsisti mar-rikorrenti biex jizzewgu. Fil-fatt hekk ghamlu pero' z-zwieg ma rnexxiex. L-ahhar li semghet b'ahbaru kien qieghed fi Franza.

Din il-Qorti tqis li r-rikorrenti gabet provi bizzejjed biex turi li dan kien purament zwieg ta' konvenjenza. Din il-Qorti kellha hafna okkazjonijiet tesprimi ruhha f'materja ta' zwieg ta' konvenjenza fejn essenzjalment il-kunsens ikun simulat galadarba ma jkunx hemm l-intenzjoni tal-formazzjoni ta' familja.

"*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament*", ("**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba** Mabrouk", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-16 ta' Jannar, 1998).

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*", ("**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1999).

Ara ukoll is-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza, Citazzjoni Nru. 331/2010 AF (deciza fil-11 ta' Ottubru 2011); u

Fil-kawza, Citazzjoni Nru. 195/2010 AF (deciza fis-6 ta' Ottubru 2011).

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Awissu 2003 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------